



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8680/1/23
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0277(COD)**

JUR 283
AUDIO 36
CODEC 685
DIGIT 78
MI 320
DISINFO 23
FREMP 119
COMPET 352
EDPS 6
DATAPROTECT 114
JAI 502
SERVICES 16
POLGEN 38

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament dwar l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Wara l-konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' informazzjoni meħmuż, li huwa ppreżentat bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fil-15 u s-16 ta' Mejju 2023.

Dibattitu ta' orjentazzjoni ministerjali fil-Kunsill EYCS**(Kultura, Settur Awdjoviżiv u Media)****L-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA)****Brussell, 16 ta' Mejju 2023**

Is-suġġett għad-dibattitu ta' orjentazzjoni ministerjali li ser isir matul is-sessjoni tal-Kultura, is-Settur Awdjoviżiv u l-Media tal-Kunsill EYCS (Brussell, 16 ta' Mejju 2023) ser ikun il-proposta għal Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA)¹.

Ir-rapport ta' progress² dwar l-istat tat-tħejjijiet tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-EMFA jipprovdi lid-delegazzjonijiet bil-valutazzjoni tal-Presidenza ta' kif evolvew in-negozjati interni tagħna s'issa. Dan jipprovdi wkoll punt tat-tluq għad-dibattitu ta' orjentazzjoni ministerjali li jipprova jikseb gwida mill-Ministri dwar il-kwistjonijiet li jeħtieġ jiġu riżolti sabiex jiġi stabbilit mandat tal-Coreper.

Ir-rwol uniku tas-servizzi tal-media indipendenti li jipprovdu pluralità ta' fehmiet u sorsi affidabbli ta' informazzjoni liċ-ċittadini u n-negozji huwa punt tat-tluq importanti għal kwalunkwe diskussjoni dwar l-EMFA. Il-Presidenza tixtieq tistieden lill-Ministri jikkondividu l-fehmiet tagħhom dwar kif l-EMFA, bl-emendi proposti li konna qed neżaminaw s'issa fid-diskussjonijiet ta' tħejjija tagħna, jistgħu jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar tas-suq intern għas-servizzi tal-media fl-UE. Dan jista' jinkludi kunsiderazzjonijiet dwar kif jistgħu jissaħħu l-libertà tal-media u l-indipendenza editorjali fl-Unjoni, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri.

¹ Dokument 12413/22

² Dokument 8679/23

F'din il-perspettiva, il-Preżidenza tippromponi l-mistoqsijiet li ġejjin biex jiġu ispirati l-interventi.

1. Liema partijiet tal-proposta huma l-aktar importanti biex jissaħħu is-settur tal-media u biex il-media u l-ġurnalisti jiġu meħġuna jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom b'mod indipendenti?
2. Il-proposta tista' tikkomplementa l-qafas regolatorju l-ġdid għas-swieq u s-servizzi diġitali b'mod li jgħallu bilanċ aħjar bejn is-servizzi online ġodda u s-settur tal-media li jipproduċi l-kontenut? Id-dispożizzjonijiet li għandhom jitqiesu jistgħu jinkludu, fost affarijiet oħra, ir-rekwiżiti imposti fuq il-pjattaformi biex jagħtu aktar konsiderazzjoni lill-kontenut tal-media jew lill-personalizzazzjoni tal-offerti awdjoviżivi.
3. Mill-perspettiva tiegħek, liema hija l-aktar kwistjoni importanti li għad trid tiġi risolta qabel ma jkun jista' jintlaħaq ftehim ġenerali fil-Kunsill?

Il-ministri huma mistiedna jindirizzaw dawn il-mistoqsijiet kif xieraq, u/jew iqajmu punti oħra relatati mal-EMFA li jkunu jixtiequ jikkondividu. Il-ministri huma mistiedna jllimitaw l-interventi tagħhom għal mhux aktar minn 3 minuti.
